# BEATI U QADDISIN...MEJJU

## 6 ta' Mejju.   San Pietru Nolasco

San Pietru Nolasco twieled lejn is-sena 1180 f'Mas-Saintes-Puelles (Franza) u imbaghad meta kien ghadu zaghzugh erhilha lejn Barcellona. F'dawk iz-zmienijiet Spanja kien invasa mill-mori liminn fejn ghaddew harqu, kissru, serqu, ittorturaw u qatlu lil minn haddan il-fidi kattolika. Iz-zaghzugh thabbeb mad-dumnikan San Raimond minn Penafort u wera x-xewqa li jehles lil dawk li waqghu vittmi u lsiera ta' l-oppressuri taghhom, il-mori. Ghalhekk ma' xi kavallieri ohra bhalma kien hu, beda jahdem biex jirriskatta l-iskjavi bil-karita li kienu jingabru ghal dan l-iskop. Minhabba li kien ta' nisel nobbli huwa hallas anke minn flusu ghall-helsien ta' xi uhud.




Nissel fih fidi qawwija f'Gesu' u Ommu Marija. Fit-2 ta' Awissu tas-sena 1218, waqt li kien qed jitlob b'tant devozzjoni, jara lil Marija Ssma u tistiednu biex lil dawk li kienu madwaru jaghmlu tant opra tajba li jirriskattaw lil ilsiera nsara, jigborhom f'ordni religjuza. Ma damx wisq jistenna l-approvazzjoni ta' l-ordni ghaliex f'Ottubru ta' l-istess sena, bil-ghajnuna tar-re Gakbu I, re ta' Aragona, ircieva l-approvazzjoni tal-knisja u uficcjalment kienet imwaqqfa l-ordni ta' Marija Ssma tar-Riskatt. Huwa addotta r-regola agostinjana.

Kien l-ewwel Superjur ta' l-Ordni u spiss kien jippriedka s-semplicita tal-hajja u faqar. Ried li l-gbir iservi biss biex jinhelsu l-iskjavi.. Wara hajja qaddisa huwa miet fit-13 ta' Mejju 1249.